Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 131/23/F

Mark Elliot Scicluna Bartoli

vs

Crosscraft Co. Ltd.

Illum, 4 ta' Marzu, 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-25 ta' Lulju 2023 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ippreżentata mill-azjenda intimata fis-7 ta' Novembru 2023;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrent u ta' Kenneth Francica għall-azjenda intimata u ra l-affidavits tal-istess Kenneth Francica u ta' Charlot Farrugia u Patrick Spiteri;

Ra d-dokumenti u l-provi oħrajn eżebiti mill-Partijiet;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' **sitt mija, disa u erbgħin Euro u tlett ċenteżmi (€649.03)** mill-azjenda intimata rappreżentanti l-prezz ta' *tumble dryer* li huwa xtara mingħand l-azjenda intimata fis-16 ta' Novembru 2022. Huwa jilmenta li din it-*tumble dryer* ma taħdimx tajjeb għax jew ma tlestix is-*cycle* jew inkella tieħu ħafna aktar ħin milli huwa normali biex tlestih.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tagħha l-azjenda intimata issostni li mid-diversi spezzjonijiet li saru fuq it-*tumble dryer* mit-tekniċi tagħha, ma rriżultax li għandha xi ħsara, difetti tal-manifattura jew li ma taħdimx kif suppost. Iżżid li r-Rikorrent eventwalment beda' jirrifjuta li jħalli t-tekniċi jaraw it-*tumble dryer* u baqa' dejjem jinsisti fuq li jingħata f-flus lura.

Illi jirriżulta li fil-preżent, it-*tumble dryer* qiegħda fil-pussess tal-azjenda intimata wara li r-Rikorrent irrifjuta li jeħodha lura meta ttieħdet mill-azjenda intimata għal evalwazzjoni mit-tekniċi tagħha.

Illi mill-mod kif aġixxa in materja, fil-fehma tat-Trubunal huwa ċar li r-Rikorrent qed iġib 'il quddiem l-azzjoni redibitorja sabiex il-kuntratt tal-bejgħ tat-*tumble dryer* in kwistjoni jiġi ddikjarat xolt u jiġi rifuż il-prezz li huwa ħallas tagħha. Tant huwa hekk li lanqas biss irid jieħu l-pussess tat-*tumble dryer* lura wara li din ġiet evalwata mit-tekniċi tal-azjenda intimata.

Illi bħala provi, iż-żewġ Partijiet ippreżentaw filmati tat-*tumble dryer* qed taħdem. Minn dawn il-filmati, it-Tribunal ma jara xejn li huwa konklussivament indikattiv li t-*tumble dryer* mhux qed taħdem tajjeb.

Illi mill-assjem tax-xhieda, toħroġ l-ispjegazzjoni li jekk it-*tumble dryer* f'xi mumenti ma ħadmitx sew fid-dar tar-Rikorrent, dan probabbilment kien għax ġiet mgħobbija aktar mill-limitu stabbilit mill-manifattur. Ġie spjegat ukoll li l-*lock* tal-bieba tat-*tumble dryer* ġie rranġat a spejjeż tagħha taħt il-garanzija għalkemm probabbilment kien tgħarraq fi żmien daqstant qasir minħabba li t-*tumble dryer* kienet qed tiġi mgħobbija ħafna aktar mill-limiti stabbiliti mill-manifattur. Ġie suġġerit ukoll li jista' tkun li r-Rikorrent mhux qed juża sewwa l-programmi li għandha t-*tumble dryer* skont it-tip ta' materjali li qed inixxef biha.

Illi tajjeb jingħad li għalkemm il-kwistjoni ċentrali f'dan il-każ hija ta' indoli teknika, l-ebda mill-Partijiet ma talab il-ħatra ta' espert tekniku sabiex jivverifika l-kundizzjoni u funzjonabbilità tat-*tumble dryer.*

Illi wara li qies sewwa l-provi kollha prodotti, inkluż il-verżjonijiet rispettivi mogħtija mill-partijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma konsiderata li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-azjenda intimata hija l-aktar waħda attendibbli bejn it-tnejn fuq bażi ta' probabbilità. Jidher ukoll probabbli mill-provi li l-kawża tal-ilment tar-Rikorrent kienet dovuta għall-fatt li t-*tumble dryer* ma kienitx qed tiġi utilizzat kif suppost.

Għalhekk it-talba tar-Rikorrent qed tiġi miċħuda.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.

L-azjenda intimata għandha tikkonsenja lura t-*tumble dryer* in kwistjoni lir-Rikorrent fi żmien ġimgħa.

Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.

Avv. Mattia Felice
Arbitru